MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Talba Numru. 678/2009

**C & L Calleja Trading Ltd (C-28851)**

**Vs**

**Jason John Joseph Mallia (ID-396393M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Awissu 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €697.50c (sitt mija sebgha u disghin ewro u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' konsenja ta' hut mibjugh lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju datat 10 ta' Awissu 2009 li jgib in-numru 2385/2009 u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tar-rispettivi fatturi kif jirrizulta minn prospett anness markat Dok A sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien gie debitament notifikata, b’dawn il-proceduri, huwa baqa ma deherx u ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjah biex jidher ghas-seduta tad-29 ta Marzu 2010 huwa naqas li jaghmel dan;

Ra li wkoll li l-konvenut baqa ma wegibx u anqas ma deher ghal mistoqsijiet impoggija lilu in subizzjoni la fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2010 meta gie prezentat il-kapitolu relattiv u anqas ghas-seduta tallum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenut.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta’ €697.50c (sitt mija sebgha u disghin ewro u hamsin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-dati tar-rispettivi fatturi u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kif rikjesti a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------